# FLORIANA SCHOOL OLD BOYS ASSOCIATION

# ILLUM FSOBIANS CLUB

*Minn Comm. Simon A. Bonello*

**(President Onorarju tas-Soċjeta` Filarmonika Vilhena)**

**Fis-snin immedjati ta' wara t-Tieni Gwerra Dinjija ż-Żagħżagħ Maltin ftit li xejn kellhom fiex jokkupaw il-ħin liberu tagħhom. Xi żgħażagħ Furjaniżi kellhom xewqa li jingħaqdu f'xi forma ta' club jew għaqda. Huma sabu li kien hemm xi ħadd ieħor li kellu l-istess idea u dan kien xejn mis-Surmast ta' l-Iskola Primarja tal-Floriana s-Sur Lolly Tonna li għal ħafna snin b'rispett baqgħu jseħulu Is-Sir.**

Dan għajjat laqgħa għaż-żgħażagħ interessati li kellha ssir fl-istess skola iżda sfortunatament il-purtinar nesa jiftaħ l-iskola wara l-ħin normali. Għal din il-laqgħa ġew biss ħames persuni barra Is-Sir. Dawn kienu John Attard, Carmelo Catania u Reggie Holland, kollha kemm huma ma għadhomx magħna. Għaldaqstant, din il-laqgħa kellha ssir fuq it-taraġ. Ma qatgħux qalbhomu issejħet laqgħa oħra li saret nhar it-2 ta' Settembru 1949. Din id-darba l-putinar ma nesiex jiftaħ l-iskola. Attendew mhux ħamsa minbarra barra Is-Sir iżda tnejn u tletin. Madankollu, id-data uffiċjali tl-fundazzjoni tal-Floriana School Old Boys Association saret id-29 ta' Ottubru ta' l-istess sena. Ġie elett l-ewwel kumitat. Is-Sur Emmanuel S. Tonna ġie magħżul l-ewwel President tal-għaqda u s-Sur Gerald v. Bilocca naghta l-kariga ta' Segretarju Onorarju.

Bdiet iddur ir-rota bi tfassil ta' diversi attivitajiet. Waħda minn ta' l-ewwel kienet is-sħubija fil Malta Sports Association, għaqda dak iż-żmmien magħrufa ħafna għall-organizzazzjoni ta' kompetizzjoni ta' diversi dixxiplini sportive fosthom il-football, il-cricket u l-hockey. Ma tantx kien faċli li għaqda ta' old boys li kienu jattendu skola primarja jiġu aċċettati fil Malta Sports Association għax ħafna mill-membri tagħha kienu jħossuhom l-elite fil-qasam ta'l-isport mhux professjonali. Għaqdiet membri kien hemm l-Old Edwardians (Ex St. Edwards College), is-Civil Service Sports Club, l-istudenti tar-Royal Malta University, l-impjegati tal-għaqda tal-banek u l-Malta Dockyards Sports Club. Seta` kien hemm oħrajn ta' din ix-xorta.

Billi l- Floriana School Old Boys Association kellha President Is-Sir ( aktar tard Chevalier) Emmanuel S. Tonna, magħruf mhux biss fil-Floriana iżda tista' tgħid ma Malta kollha għas-serjeta kbira tiegħu l- Malta Sports Association bl-għajnuna sħiħa ta' Reggie Holland u Jerry Billocca ma setgħetx tirrifjuta li tilqa' din l-għaqda Furjaniża b'membru tagħha. Il-membri ġa assoċjati tal-Malta Sports Association min naħa kompettitiva ma tantx ħadu gost bil-membru l-ġdid għax kienu jafu li l-Furjaniżi kienu b'saħħithom fil-football, cricket u l-hockey. Il-biża` tagħhome saret rejalta għax il Floriana School Old Boys Association bdew ikaxxkru l-unuri, biżżejjed ħarsa lejn it-trophies li jinsabu fil-vetrini tal-Fsobians Club. Barra it-tliet dixxiplini sportive msemmija l-FSOBA , kif bdiet issa tigl magħrufa għall-qosr il-Floriana School Old Boys Association, bdiet tinvolvi ruħha ukoll fit-Table Tennis, is-darts, ċess u billiards.

Għal bidu l-Floriana School Old Boys Association ma kelliex clubu l-laqgħat kienu jsiru fl-iskola primarja imma dan ma setax ikompli u bdiet tfittex għal post ieħor. Permezz tal-ġentilezza ta' Kalanċ Sultana il- FSOBA, marret fil-kamra ta' fuq ta' International Bar li dak iż-żmien kine jinsab fejn illum hemm Azzopardi Jewllers fi Triq Sant' Anna.

Hawn bdew jiżdiedu l-attivitajiet mhux biss sportive imma anke dawk kulturali u soċjali. Mal-medda taż-żmien bdew jiġu organnizati visti kulturali f'diversi partijiet ta' Malta kunċerti varjati u fiery. Żgur attiviat li attivita li baqgħet tissemma kienet in-National Drama Festival. Membri ta' ċerta eta` jiftakru fil-Fiera tad-Dundjani tal-Baħrija li fiha l-FSOBA kienu jieħdu parti kbira fiha. Anke l-Parroċċa kienet tibbenifika minn attivitajiet filantropiċi ta' din l-għaqda specjali fil-Floriana.

F'Ottubru tal-1953 tfaċċat l-ewwel ħarġa ta' 'il-Furjana', gazzetta li kienet tilħaq mhux biss lill-FurjaniżI residenti fil-lokal iżda anke dawk li joqgħodu fi bliet uu rħula oħra, saħansitra keinet ukoll tilħaq lill-Furjaniżi emigrati 'il bogħod minn stutna li kienu u naħseb għadhom jistennewha bil-ħerqa. Naturalment f'dan l-artiklu mhux l-għan tiegħi li nsemmi dak kollox organizzat mill-Floriana School Old Boys Association jew F.S.O.B.A. jew Fsobians Club.

Il – F.S.O.B.A. reġgħu biddlu l-post. Minn fuq l-International Bar ta' Kalanċ Sultana marru propju faċċata fil-blokk tal-Gvern li kien għadu kemm tlesta. Dan kien post ferm akbar u kien kif għadu jikkonsisti f'kamra kbira fil-pjann terran b'bar, oħra fuq u kantina.

Il-Fsobains Club taw kenn lil Floriana basketball, tijn imwaqqaf mill-istess Fsobians, il-Grasshopper Football Team u anke lill-Floriana Civic Council (il-prekursur mhux uffiċjuli tal-Kunsill Lokali tal-Floriana) wara lid an reġa' twieled mill-ġdid propju bl-inizjattiva tal-kumitat ta' dak iż-żmien tal-Fsobians Club.

Attivita ta' kull sena tal-Fsobians Club hija l-preżentazzjoni tat-Tonna Trophy f'lejlet il-Festa ta' San Publju lil dik il-persuna raġel jew mara magħżula bir-reqqa lit kun wetqet servizz mingħajr ħlas għal ċertu żmien b'riżq il-Floriana u ċ-ċittadini tagħha. Dan it-trofew ġie mogħti min Chev. Emmanuel S. Tonna, President għal żmien twil ta' dan il-club.

Il-Fsobians għandhom lista twila ta' personalitajiet distinti li ġew fil-club tagħhom. Dawn jinkludu il-Gvernatur Ġenerali ta' Malta Sir Maurice Dorman, l-Arċisqof Metropolita Mons. Michael Gonzi, l-Isqof Franġiskan Furjaniż Mons. Franġisku Saver Fenech, l-Isqof Mons. Fiordelli ta' Prato fl-Italja, l-Isqof Emmanuel Gerada, l-Isqof (aktar tard Arċisqof Metropolita ta' Malta) Ġużeppi Mercieca, l-Isqof Annetto Depasquale u Dom Angelo Mifsud, Abbati Benedittin Malti. Ma' dawn hemm oħrajn fosthom il-Furjaniż Sir Hannibal Scicluna li fl-okkażjoni ta' għeluq il-100 sena ta' eta` kien mistieden fil-Fsobians Club wara quddiesa ta' ringrazzjament fil-Knisja Arċipretali.



Preżentazzjoni ta' edizzjoni tat-Tonna Trophy